**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-07 ta' Novembru, 2019**

**Talba Numru: 581/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 32.**

**Citadel Insurance plc (C21550)**
**(ghal assigurat taghha Patrick Cini)**
**26, Casa Borgo,**
**Market Street,**
**Floriana**
**Vs**
**Karolina Rutkauskaite**
**Alpha Court Block B Flat 9,**
**Triq Louis Scicluna,**
**Fgura**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici li permezz tieghu talbet minghand l-konvenuta l-hlas ta' seba' mija u sitta u disghin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€796.83c) danni sofferti fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCT 203 liema

vettura hija assigurata mas-socjeta' attrici meta fit-28 ta' Gunju, 2016 gewwa Triq Louis Scicluna, Fgura waqqghet jww tefghet bott tat-tadam mill-appartament taghha u laqgha l-istess vettura.

Ra li l-konvenuta ghalkemm giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-Avviz tas-Seduta hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deher hadd ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrisponduh u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Rega semgha rapprezentant tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' seba' mija u sitta u disghin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€796.83c) bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-effettiv pagament

Spejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 6/2017 tat-3 ta' Jannar 2017 a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**